

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2012**

3. f'ċirkostanzi politiċi eċċezzjonali jew urġenti, l-informazzjoni dwar il-proġetti ta' kostruzzjoni marbutin mad-delegazzjonijiet jew uffiċċji tal-UE f'pajjiżi terzi previsti fl-Artikolu 203(4) jistgħu jiġu sottomessi konġuntament mal-proġett ta' bini skont it-termini tal-Artikolu 203(5); F'tali każijiet il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom li jitrattaw il-proġett ta' bini mal-ewwel opportunità possibbli;
4. il-proċedura ta' approvazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 203(5) u (6) ma tapplikax għall-kuntratti jew studji preparatorji neċċessarji għall-valutazzjoni dettaljata tal-kostijiet u tal-finanzjament tal-proġett ta' bini;
5. il-limiti massimi ta' EUR 750 000 jew EUR 3 000 000 li hemm riferiment għalihom fil-punti (ii) sa (iv) tal-Artikolu 203(7) jinkludu t-tlestija tal-binja; għall-kuntratti ta' kera, dawn il-limiti massimi japplikaw għal kera mingħajr ħlas imma jinkludu l-kostijiet marbutin mat-tlestija tal-binja;
6. in-nefqa msemmija skont l-Artikolu 203(3)(a) ma tinkludix l-ispejjeż;
7. sena waħda (1) wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri previsti fl-Artikolu 203.

**C) Stqarrija konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 203(3)**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li dispożizzjonijiet ekwivalenti jiġu inklużi fir-Regolament ta' Qafas Finanzjarju għall-korpi kkostitwiti skont it-TFUE u t-Trattat Euratom.

**D) Stqarrija mill-Parlament Ewropew**

L-ammont ta' EUR 85,9 miljun imħallas lura mill-Belġju lill-Parlament Ewropew fil-bidu tal-2010 u allokat għall-proġetti ta' bini għandu jiġi kkunsidrat bħala dħul estern assenjat skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju

## **Baġit emendatorju Nru 4/2012: riżorsi proprji, strumenti ta' qsim tar-riskju, EuroGlobe**

P7\_TA(2012)0364

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni (14059/2012 – C7-0305/2012 – 2012/2127(BUD))**

(2014/C 68 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 310 u 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitá Ewropea għall-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(1)</sup> ('ir-Regolament Finanzjarju'), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, adottat b'mod definittiv fl-1 ta' Diċembru 2011 <sup>(2)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 56, 29.2.2012.

It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2012

- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2012, ippreżentat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Ġunju 2012 (COM(2012)0340),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2012 adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Settembru 2012 (14059/2012 – C7-0305/2012),
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0308/2012),
- A. billi l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2012 għall-baġit ġenerali tal-2012 għandu tliet għanijiet, jiġifieri l-ħolqien ta' erba' linji tal-baġit għar-riallokazzjoni ta' approprijazzjonijiet finanzjarji minn sa 10 % tal-allokkazzjoni għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjoanli (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013 favur strumenti tal-kondiviżjoni tar-riskju, reviżjoni u baġitjar tal-previżjonijiet għar-riżorsi proprji, b'tali mod li ssir ridistribuzzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għar-riżorsi proprji fil-baġit tal-Unjoni, u s-sostituzzjoni tas-sing ippreżentat f'approprijazzjonijiet ta' impenn għal linja tal-baġit 16 03 05 01 – Azzjoni preparatorja – EuroGlobe b'entrata nominali (p.m.) biex ikun jista' jsir trasferiment;
- B. billi l-aġġustament fir-riżorsi proprji huwa kkaġunat mir-reviżjoni tat-tbassir tal-bażijiet TOR, VAT u GNI, il-korrezzjoni ta' żbilanċi baġitarji favur ir-Renju Unit (il-korrezzjoni tar-Renju Unit) rigward l-2008, l-2010 u l-2011, kif ukoll l-impatt fuq is-sehem tal-Awstrija, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvetza fil-finanzjament tar-rifużjoni lir-Renju Unit, li jitnaqqas għal kwart tas-sehem normali tagħhom, bit-tali tnaqqis iffinanzjat mill-Istati Membri l-oħra bl-esklużjoni tar-Renju Unit;
- C. billi l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2012 jipprevedi l-possibbiltà li fondi minn operazzjonijiet preċedenti u ammonti li jkunu għad fadal minn sostenn tal-Unjoni għal strumenti tal-kondiviżjoni tar-riskju ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni jiġu miżjuda s-sena ta' wara, fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, mal-allokkazzjoni finanzjarja tiegħu tal-politika ta' koeżjoni;
- D. billi l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2012 huwa għalkollox konsistenti mal-modifiki tar-Regolament Finanzjarju maqbula bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, b'mod partikolari fl-Artikolu 131 tiegħu,
1. Jieħu nota tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2012;
  2. Iqis li kwalunkwe trasferiment mill-politika ta' koeżjoni għal dawk l-istrumenti finanzjarji li għandhom jiġu definiti għandu jkun debitament ġustifikat u kkontrollat tajjeb, kif jipprovdi r-Regolament (UE) Nru 423/2012;
  3. Jesiġi li qabel ma jsir kwalunkwe trasferiment tali kif speċifikat fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tinforma lill-Awtorità Baġitarja;

<sup>(1)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 133, 23.5.2012, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2012**

4. Jesiġi li tingħadda lill-Parlament informazzjoni regolari u dettaljata dwar il-programmi operazzjonali li għandhom jitnaqqsu, dwar l-istrumenti finanzjarji li għandhom jiġu implimentati u dwar il-proġetti li għandhom jiġu sostnuti;
5. Japprova, mingħajr emenda, il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2012,
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-Baġit emendatorju Nru 4/2012 ġie adottat b'mod definittiv u jiżgura li jiġi ppubblikat *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

**Materjal riproduttiv tal-foresti \*\*\*I**

P7\_TA(2012)0367

**Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresta tal-kategorija "kwalifikati" fil-kamp tal-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni u l-aġġornament tal-isem tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni (COM(2012)0355 – C7-0175/2012 – (2012/0172(COD)))**

(2014/C 68 E/14)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0355),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0175/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali tat-18 ta' Settembru 2012 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Settembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0277/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

---

<sup>(1)</sup> Għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.